MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-4 ta' April, 2014

Numru. 1339/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Kylie Borg**

**vs**

**Clyde Bonavia**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Clyde Bonavia ta’ 27 sena, bin Anthony u Emanuela Brincat nee’ Brincat, imwieled Pieta’ nhar id-9 t’Awwissu 1984, residenti 10, Fuq Verdala, Bormla u detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 410684M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-lejl ta' bejn il-05 u s-6 ta' Novembru, 2011 minn gewwa Merhba Kiosk sitwat f'Putirjal gewwa l-Florjana

1. Ikkommetta serq ta' sigaretti ta' diversi marki ta' valur li jeccedi €232.94 imma ma' jeccediex €2329.37, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-hin u bil-mezz, ghad-detriment ta' Carmel Camilleri, Paul Pace u Joe Pace;

2. U aktar talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg mobbli jew immobbli, u cioe' shutter u hgiega ta' l-imsemmi hanut, liema ammont tal-hsara jiskorri €116.47 izda ma' jiskorrix €1164.68;

3. Akkuzat ukoll talli gewwa l-Fuego, sitwat gewwa l-Qawra, f'Marzu u April, 2011, u fix-xhur ta' wara, huwa hadem jew kien impjegat bhala Gwardjan Privat bi ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Gwardjani Lokali u Privati jew xi licenzja mahruga bis-sahha tieghu;

Barra minn dan, huwa akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi huma definittivi u ma' jistghux jigu mhassra ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli kkommetta reat waqt kien taht ordni ta' probation, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. J. Padovani LL.D. nhar it-18 ta' Marzu, 2010 liema sentenza saret definittiva u ma' tistax tigi mibdula ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 30 ta' Novembru 2011 (esebit a fol. 14 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet il-provi ;

Semghet it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw serq bi sgass li sehh fil-lejl bejn il-5 u s-6 ta' Novembru 2011 mill-Merhba Kiosk li jinsab Putirjal, il-Furjana fejn l-ewwel tqactu bicciet mis-shutter tal-kiosk u mbaghad tkisret il-hgiega ta' wara x-shutter u nsterqu kwantita kbira ta' pakketti

tas-sigaretti li l-valur taghhom kien ta’ madwar elf u mitejn Ewro. PS 74 Mark Anthony Chetcuti li mar fuq ix-xena tad-delitt sabiex jaghmel xoghol ta’ fotografija u jeleva l-fingerprints fil-fatt eleva zewg fingerprints u skond ma jirrizulta mir-rapport tieghu inserit a fol. 31 et sequitur tal-atti processwali dawn kienu s-segwenti:-

DOK11CTP301 – Marki misjuba fuq hgiega imkissra li kienet fl-art mal-genb tal-Kiosk.

DOK11CTP302 – Marki misjuba fuq hgiega imkissra li kienet fl-art mal-genb tal-Kiosk

Ikkunsidrat:

Illi f’dawn il-prcoeduri gie nominat bhala espert tal-impronti digitali Joseph Mallia bl-inkarigu ll jeleva l-impronti digitali tal-imputat u jaghmel ezami komparattiv bejn dawn l-impronti digitali u dawk li gew elevati minn fuq ix-xena tad-delitt minn PS 74. Mir-rapport tal-espert Joseph Mallia nserit a fol. 65 et sequitur tal-atti processwali jirrizulta s-segwenti:-

> *Illi wara li gew ezaminati, studjati u kkomparati d-dokumenti dokumenti 11 CTP 301 u 11 CTP 302 lifters li jigbru fihom impronti digitali, u d-dokumenti JM formola tal-impronti digitali u JM 1 formola tal-marki tal-pali tal-idejn ta’ Clyde Bonavia, li joqghod fil-fond numru 10, Fuq Verdala Bormla,*

*detentur tal-karta tal-identita numru 410684M, l-esponent jikkonkludi dan li gej:*

1. *Illi l-impronta li giet zvillupata u elevata permezz tal-lifter dokument 11 CTP 301 giet ikkomparata pozittivament, u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-kbir tal-id il-leminija ta' Clyde Bonavia, li joqghod fil-fond numru 10, Fuq Verdala Bormla, detentur tal-karta tal-identita numru 410684M.*
2. *Illi l-impronti li gew zviluppati u elevate permezz tal-lifter dokument 11 CTP 302 huma nieqsin mill-punti karatteristici li jwasslu ghall-komparazzjoni u identifikazzjoni, ghalhekk ma setghux jsiru l-ezamiijiet komparattivi rikjesti bejn dawn l-impronti u d-dokumenti JM formola tal-impronti digitali u JM 1 formola tal-markio tal-pali tal-idejn ta' Clyde Bonavia, li joqghod fil-fond numru 10, Fuq Verdala Bormla, detentur tal-karta tal-identita numru 410684M.*

Ikkunsidrat:

Illi f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni qed issostni l-kaz taghha fuq l-impronta digitali li nstabet fuq il-hgieg imkisser ma' gemb il-kiosk minn fejn saret is-serqa u l-fatt li din qablet mal-impronta digitali tal-imputat fil-kawza odjerna. Meta ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2013 l-imputat spjega li huwa kien ikun Putirjal kuljum hdejn il-Merhba Kiosk stante li huh kien jahdem fi stand vicin u jghid ukoll li

huwa gieli ghen lis-sidien tal-kiosk in dizamina sabiex jifthu x-shutter tal-istess kiosk. Id-Difiza ghalhekk gustament tirrileva li l-fatt li nstabet l-impronta digitali tal-imputat fuq il-hgiega li qeghda wara x-shutter liema shutter ikun miftuh meta l-kiosk tkun miftuha ma tistax titqies bhala prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien il-persuna li effetwa s-serqa in dizamina. Il-Qorti taqbel pjenament ma' din is-sottomissjoni u jidrilha li fic-cirkostanzi ma tistax tinstab htija fil-konfronti tal-imputat esklussivament abbazi ta' din il-prova. Li kieku l-impronta digitali nstabet fuq l-ixkafef gewwa l-kiosk fejn l-imputat ma kellu l-ebda raguni il-ghala jidhol il-konkluzjonijiet kienu jkunu differenti izda una volta li hemm id-dubju li l-impronta digitali fuq il-hgiega setghet kienet hemm minhabba li l-imputat kien gieli jghin lis-sidien tal-kiosk jifthu x-shutter allura dan id-dubju ghandu jimmilita favur l-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi rigward it-tielet imputazzjoni fejn l-imputat qed jigi akkuzat li hadem bhala Gwardjan Privat fl-istabbiliment Fuego bi ksur ta' wahda mid-dispozizzjonijiet tal-Att Dwar il-Gwardjani Lokali u Privati jew xi licenzja mahruga bis-sahha ta' dan l-Att il-Qorti jidrilha li ma ngabet l-ebda prova li l-imputat effettivament kiser xi dispozizzjoni tal-imsemmi Att jew ta' xi licenzja mahruga taht dan l-Att. L-unika prova li ngabet kien pay slip[1] li jindika li l-imputat ghamel zmien qasir jahdem fuq prova fl-imsemmi stabbiliment u x-xhud Mark Grima li kkonferma l l-imsemmija pay slip inharget minn dan l-istabbiliment. Fic-cirkostanzi l-Qorti ma tistax issb htija l-anqas in kwnatu jirrigwarda t-tielet imputazzjoni.

[1] Inserit a fol. 101

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------